baqa' sa nħanaq u għajnejja ħmaru, donni kont xrobt l-inbid; u l-mara ntebhet li qalbi kienet ingħafset għaliex kont tlift ħabib tassew, u qaltli xi kliem ta' sabar. U jien weġibtha kif l-irġiel iwieġbu lin-nisa fi ġrajjiet bħal dawn.

*Bobby* kien jaf ħafna. Kien waqtiet jifhimni daqs li kieku kien bniedem. Kellu għajnejh sbieħ u mimlija dehen; u marad ħtija tiegħi, għad li jien ma ridtx immarrdu. Iżda li kieku dalgħodu qabel qatluh xi ħadd kellu jgħidlu—u hu kien jista' jifhem—x'ħassejt il-bieraħ x'ħin infridt għall-aħħar darba minnu, u liema beraħ u swied il-qalb ħalla warajh id-dar, kien imut inqas imbażża' u kellu mnejn jaħseb fija u f'kemm għamilt biex infejqu.

---

## IT-TMINTAX-IL WAĦDA

*Ta'* Ġużi Abela

*F'egħluq snini.*

Ma' tulek, ja ħarifa, li kull darba
Feġġejtli hekk malajr b'dik it-tislima
Minn meta kont tarbija sa fil-ġarba
Ta' meta mqar bis-sawt stħaqqejt tilwima,

Għidli, tmintax-il waħda, jekk fil-karba
Bejn fergħa u oħra taċ-ċipress qadima
Ittajritx qatt xi werqa aktar imħarrba
U ġriet f'baħar għajjur b'din it-tbissima.

Iżda jekk għad fit-tul ingħix, u l-ħajja
Tibqa' tqila tingħax bħalma kien dari,
Nibża' li waħdi għad ninstab, b'saqajja

U idejja marbutin, mitluq ġo xagħri :
U minni jifdal biss tfakkarli l-ġrajja
Ir-randa tal-għanjiet tibki madwari.



# Il-Bolla Kruċjata

*Ta'* Ġużè' Gatt

*(Ikompli mill-ħarġa ta' Ġunju, 1950)*

**II**

Wara li ħelsu mill-qodma li fadlilhom, reġgħu bdew jistampaw ta' kull sena bl-eluf, billi għall 1760 saru 19,460. Terġa', maż-żmien, il-għadd tal-Bolol kotor bil-qabda. Ġie li qabżu xi ftit 'il fuq minn 44,000 waħda. Fl-1781 għamlu 51,960. Iżda dan kien ta' darba biss. Mill-bqija qatt ma laħqu l-45,000.

Man-nefqa li kellu d-Dipartiment tal-Bolla Kruċjata, tgħabba wkoll, mill-1756 'il quddiem, b'dik l-oħra ta' l-Istamperija ta' l-Ordni. Tassew li din kienet iddaħħal xi flus mill-ħidma li ssir fiha, iżda dawn, tista' tgħid, qatt ma laħħqu mal-ħtieġa tal-ħruġ għaż-żamma tagħha. Mhux biss għax dan beda jistampa b'xejn il-Bolla Kruċjata u kull ħaġa oħra tal-Gvern ta' l-Ordni, imma minħabba wkoll li l-Gran Mastri, biex jagħmlu l-qalb lill-kittieba, kemm-il darba stampaw b'xejn ix-xogħol ta' dawn, bħalma beħsiebna nuru fil-kitba tagħna, taħt l-isem ta' "l-Istampa f'Malta". Fuq hekk, l-imsemmi Dipartiment kellu jagħmel tajjeb u joħroġ il-flus hu għal dak kollu li jinqala'.

Billi mat-twaqqif hawn ta' l-Istamperija ta' l-Ordni, din marret taħt il-ħsieb tat-Teżorier tal-Bolla Kruċjata, lil dan, maż-żmin kotorlu ħafna x-xogħol. Għal din iż-żieda fil-ħidma tiegħu, mill-1779 bdew jagħtuh 200 skud fis-sena, flok il-50 li kellu qabel. Terġa', fl-1788, għamluhomlu 240. Ukoll lill-iskrivan bl-isem ta' Kanċellier, il-ħlas tiegħu żiduhulu sa 80 skud.

Minn meta bdiet il-Bolla Kruċjata fl-1744 sa kemm waslu biex għalqu l-kontijiet f'Jannar ta' l-1785, insibu li daħħlu b'kollox minnha 254,431 skud, 6 rbajja' u 9 ħabbiet. Il-kotra l-kbira ta' dawn il-flus, wara li qatgħu l-infiq li sar għall-ħtieġa tad-Dipartiment, marru biex jitħallsu n-nies ta' fuq ix-xwieni ta' l-Ordni.

Iżda, waqt li fetħu l-kaxxa biex saru l-kontijiet li semmejna, sabu nuqqas ta' ma' dwar 459 skud. Wara li flew sewwa l-biċċa, intebħu li l-ħtija ta' dan kollu huma xi Bandi li ħarġu u li minnhom inzerta kellhom ħafna fil-kaxxa, fiż-żmien li xxanbiex naqqsu s-siwi ta' xi għamliet ta' flus li kienu jimxu f'Malta, dru l-imsemmija Liġijiet.